# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

### ILLUM 22 T'OTTUBRU 2020

**Kawza Numru: 11**

**Rik. Gur. 338/2018 RGM**

**George Cini**

**vs.**

**Cyril u Maryrose Worley**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors guramentat ta' George Cini** prezentat fit-13 t'April, 2018 li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:

1. Peress illi fuq medda ta’ zmien u f’okkazzjonijiet diversi il-konvenuti isselfu flus brevi manu minghand l-attur is-somma komplessiva ta’ €53,500 tlieta u hamsin elf u hames mitt Euro.

2. Peress illi meta l-attur talab ir-radd lura tal-imsemmija somma, huwa ma irceva ebda risposta ta’ xejn u l-konvenuti baqghu inadempjenti

3. Peress illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu u ghalhekk il-kawza tista’ tinqata’ ai termini tal-artiklu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Jghidu ghalhekk l-konvenuti ghaliex dina il-Qorti ma ghandhiex (1) taqta' u tiddeciedi il-kawza ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u (2) tikkundannahom ihallsu lill-attur l-ammont ta' €53,500 rappresentanti l-ammont lilhom misluf mill-attur fuq talba taghhom stess - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

5. Bl-imghax legali mid-data tal-presenti sal-gurnata tal-effettiv pagament u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-06 ta’ Marzu 2018 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju presentat kontestwalment mal-presenti, kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat ir-**risposta guramentata tal-konvenuti** prezentata fit-23 ta' Mejju 2018 li permezz taghha qed jopponu ghat-talbiet attrici billi jirritjenu illi m'ghandhom jaghtu xejn llill-attur u li fi kawalunkwe kaz l-azzjoni attrici hija preskrita ai termini tal-artikolu 2156 (e) tal-Kap. 16.

Rat il-provi mressqa.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-5 ta' Frar 2020 fejn il-partijiet talbu differiment stante li kienu qed isiru tentativi ghal transazzjoni.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Marzu 200 fejn il-partijiet informaw lill-Qorti illi huma kienu vicin hafna li jaslu ghal transazzjoni bl-iskop li sservi bhala bazi ghal sentenza f'din il-kawza.

Rat il-ftehim milhuq bejn il-partijiet fl-1 ta' Gunju 2020 ezebit mill-attur b'nota prezentata fir-registru fil-11 ta' Gunju 2020 li jaqra kif gej:-

> "Illum, L-Ewwel (1) ta’ Gunju 2020
>
> Qeghdin jidhru fuq din l-iskrittura privata;
>
> Min-naha ‘l wahda, George Cini (ID. 1055447M) iben il-mejtin George u Rose nee Camilleri imwieled Qormi u residenti Giardola, 3, Dr Frans Dingli Street Attard, hawn aktar ‘l isfel maghruf bhala il-kreditur/attur;
>
> Min-naha l-ohra, Cyril Worley, (I.D 33848M) iben l-mejjet James Worley u Mary nee’ Zammit Farrugia imwieled Sliema residenti 19, Dr Frans Dingli Street, Attard, flimkien u solidalment ma’ martu MaryRose Worley (I.D 88951M) bint Arthur Spiteri u Doris nee Caruana imwielda Lija u residenti ukoll 19, Dr Frans Dingli Street Attard, maghrufa aktar ‘l isfel bhala id-debituri/konvenuti.
>
> Il-partijiet jippremettu dan li gej:
>
> a) Illi il-kreditur istitwixxa proceduri civili kontra d-debituri li igibu in-numru 338/19/RGM, [recte: 338/18RGM] li permezz

taghhom il-kreditur qed jitlob il-kanonizzazzjoni tad-debituri fis-somma ta’ €53,000 tlieta u hamsin elf Ewro, apparti l-imghax u l-ispejjes tal-pistess proceduri

b) Illi id-debituri ikkontestaw dawn il-proceduri.

c) Illi il-debituri avvicinaw lill-kreditur u esprimew ix-xewqa taghhom illi tinstab soluzzjoni amikevoli ghall-vertenza ta’ bejniethom

d) Illi partijiet jixtiequ li tinstab soluzzjoni u ghal dan il-ghan resqu ghal din it-trattattiva b’dan illi sejrin jitolbu li tinghata sentenza mill-Qorti fis-sens hawn taht miftihem.

Ghaldaqstant, il-partijiet qeghdin jiftehmu illi l-kawza ghandha tigi tranzatta skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li gejjin;

1. Id-debituri (konvenuti) jiddikkjaraw ruhhom veri, certi u likwidi debituri tal-kreditur/attur, accettanti, fis-somma mitluba ta’ tlieta u hamsin elf Ewro [€53,000].

2. Id-debituri jippromettu u jobbligaw ruhhom li jhallsu din is-somma f’rati mensili nninterrotti ta’ €300 tlett mitt Ewro, bid-dekadenza tat-terminu hawn lilhom koncess fl-eventwalita` li huma jibqghu morusi anke f’rata wahda biss u dan ghall-perijodu ta’ almenu xahar mid-data li jkun dovut il-hlas u dan minghajr il-htiega ta’ ebda interpellanza ghall-hlas.

3. Il-partijiet qed jaqblu ukoll illi ma ghandu jiddekorri ebda imghax fuq l-imsemmija somma kapitali b’dan izda, illi fl-eventwalita` illi id-debituri jkunu morusi fil-hlas u allura jitilfu il-beneficcju tat-terminu hawn lilhom koncess, jibda jghaddi imghax bl-ghola rata legali (presentement 8%) mid-data tallum sal-gurnata tal-effettiv pagament fuq il-bilanc li jkun, allura, ghad fadal u

kwindi il-kreditur ikun liberu li jesegwixxi is-sentenza li ghandha tinghata skond kif hawn taht kontemplat.

4. Illi fic-cirkostanzi il-partijiet qeghdin jaqblu illi kull parti thallas l-ispejjes kollha taghha tal-kawza.

5. Il-partijiet fl-ahhar nett jaqblu w iridu illi il-Qorti taghti sentenza f'dan is-sens.

6. Il-kreditur / attur qieghed jobbliga ruhu li sa zmien gimgha millum jintavola l-kontromandati relattivi ghall- kull mandat li huwa ntavola nkonnessjoni ma' dina l-vertenza.

Il-partijiet qeghdin jiddikjaraw illi fehmu l-kontenut u l-effetti ta' din l-iskrittura privata u ghalhekk jiddikjaraw illi huma pjenament sodisfatti bil-ftehim milhuq u jawtorizzaw lill-avukati taghhom sabiex jitolbu lill-Qorti taghti is-sentenza taghha f'dan ir-rigward u fit-termini hawn fuq imfisser."

Ikkonsidrat illi m'hemm xejn fil-ftehim milhuq li jista' jigi meqjus bhala li jmur kontra l-ordni pubbliku.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi, in vista' tat-transazzjoni milhuqa bejn il-partijiet fil-mori tal-kawza, qed taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

1. Taqta' u tiddeciedi illi l-ftehim fuq citat ta' bejn il-partijiet jifforma parti integrali minn din is-sentenza;

2. Tilqa' in parte t-tieni talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta' tlieta u hamsin elf ewro (€53,000) b'mod rateali bir-rata ta' tlett mitt ewro (€300) fix-xahar ininterrotti b'effett mill-1 ta' Novembru 2020 u kull l-ewwel tax-xahar sussegwenti u dan minghajr imghax b'dan illi l-konvenuti jitilfu l-beneficcju tat-terminu kif ukoll jibda jiddekorri l-imghax legali b'effett mill-1 ta' Gunju 2020 fl-eventwalita' li jkunu moruzi bil-mod imsemmi fil-ftehim de quo ;

Spejjez bla taxxa.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**